32007R0103

L 28/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 3.2.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 103/2007

tat-2 ta' Frar 2007

dwar l-estensjoni tal-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà [tas-Sikurezza] tal-Avjazzjoni[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 53(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 53(3) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jistipula li l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà [tas-Sikurezza] tal-Avjazzjoni (l-EASA) għandha titlob miżati, b'mod partikulari, għall-ħruġ u t-tiġdid taċ-ċertifikati, kif ukoll għall-ħidmiet relatati u kontinwi tagħha tas-sorveljanza. Skont l-Artikolu 48(1)(b) tal-istess Regolament, dawn il-miżati jitħallsu mill-applikanti għaċ-ċertifikati maħruġin, miżmumin jew emendati mill-Aġenzija, jew mid-detenturi tagħhom.

(2) Skont l-Artikolu 53(4), l-infiq imġarrab mill-Aġenzija fit-twettiq tal-ħidmiet taċ-ċertifikazzjoni u d-dħul globali mill-miżati li titlob għandhom ikunu f'bilanċ. Madanakollu, id-dispożizzjonijiet tal-istess paragrafu jippermettu wkoll l-użu tal-kontribut finanzjarju annwali tal-Komunità lill-Aġenzija biex tkopri l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni waqt perjodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2006. Dan il-perjodu jista' jittawwal għal sena oħra mill-Kummissjoni, jekk dan ikun meħtieġ.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 488/2005[2], li jiddetermina l-ammonti tal-miżati li għandhom jitħallsu, u l-mod kif għandu jsir dan, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2005. Minn dak iż-

---

[1] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

[2] ĠU L 81, 30.3.2005, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 779/2006 (ĠU L 137, 25.5.2006, p. 3).

żmien, l-Aġenzija qed titlob miżati għall-ħidmiet taċ-ċertifikazzjoni. Madanakollu, id-dħul mill-miżati għadu mhux biżżejjed biex ikopri bis-sħiħ l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni mġarrbin mill-Aġenzija. B'hekk, din għadha qed ikollha talloka parti mill-kontribut tal-Komunità biex ikopri dawn l-ispejjeż, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 53(4).

(4) Anke jekk il-kopertura tal-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni mid-dħul mill-miżati qed titjieb, u telgħet minn madwar 60 % fl-2005 għal 70 % kif kien mistenni fl-2006, l-esperjenza turi li wieħed irid iż-żmien biex iwaqqaf mekkaniżmu effiċjenti tal-miżati. F'dan il-waqt, ma jkunx għaqli li wieħed jagħti garanzija li dawn l-ispejjeż u dan id-dħul se jkunu f'bilanċ fl-2007.

(5) Sabiex jiġi evitat defiċit possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni li ma jħallix lill-Aġenzija twettaq ħidmietha, hemm bżonn jintużaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 53(4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 sabiex jittawwal il-perjodu tranżizzjonali li matulu tista' tintuża parti mill-kontribut tal-Komunità mill-Aġenzija biex ikopri l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni, jekk dan ikun meħtieġ.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President